Azzjoni Kattolika Maltija (Malta Catholic Action)
Istitut Kattoliku Floriana FRN 1441
Tel 21222239 – 21237031
infosheet@akmalta.org
www.akmalta.org

**LULJU/ AWISSU 2009** **NUMRU 245**

Ikun Imfaħħar Ġesù Kristu!

## INFORMATION SHEET

### MADWARNA

**L-Assemblea Ġenerali** - L-Assemblea Ġenerali se ssir il-Ħadd 4 ta' Ottubru 2009. Dan biex ma taħbatx ma' attivitajiet oħrajn li se torganizza l-Knisja. Matul l-Assemblea se nippruvaw infasslu flimkien il-programm tas-sena mibni madwar it-tema li għażiltu fil-Laqgħa Ġenerali. B'hekk kulħadd iħoss li qiegħed jipparteċipa fit-tisħiħ tal-ħajja spirtwali u evanġelika tal-membri. Ibdew ħeġġu minn issa lil membri biex jattendu.

**Direttorju Ġdid** - Iż- żmien li għalih jien ġejt maħtura biex naqdi bħala President Ġenerali se jagħlaq fl-aħħar ta' Settembru. Skond l-Istatut il-ġdid, miegħi jagħlaq iż-żmien tad-Diriġenti kollha. Bħalissa l-Kunsilli u l-entitajiet kollha qegħdin jagħżlu l-presidenti u d-diriġenti tagħhom għal dawn it-tlett snin li ġejjin. Nitolbu biex il-membri jkunu ġenerużi u jaċċettaw is-sejħa tagħhom bil-qalb.

**Ħidma favur l-emigranti fostna** – Il-grupp Ż.A.K. ta' Ħal Tarxien organizza laqgħat flimkien ma' żgħażagħ mill-Eritrea li qegħdin jgħixu Malta. Matul il-laqgħa saru jafu ħafna dwar l-Eritrea u għaliex dawn iż-żgħażagħ kellhom jitilqu lil art twelidhom. Dawn il-laqgħat spiċċaw b'laqgħat ta' talb flimkien. Din kienet inizjattiva sabiħa li tgħin biex fil-qlub taż-żgħażagħ ma jinbed qatt ir-razziżmu.

**Leadership training** – Fl-ewwel *weekend* ta' Lulju ż-Ż.A.K. se jkollhom taħriġ fil-*leadership.* Iltqajt ftit magħhom huma u jippreparaw. Se jkun verament interessanti. Nitolbu għalihom.

**Il-Morda jiltaqgħu flimkien biex jitolbu lir-Redentur**. - Il-Kummissjoni Ħidma Morda organizzat il-laqgħa għall-morda quddiem ir-Redentur, l-Isla. In-numru ta' morda li attendew kien akbar mis-soltu għaliex ġew morda mill-Isptar San Vinċenz u mill-Isptar Monte Carmeli.

**Mrs Carmen Agius temmet b'suċċess kors ta' 'Advanced Christian Leadership'** – Dan il-kors li kien organizzat mill-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali beda f'Jannar u kien isegwi kors li sar is-sena l-oħra. Bħal ħafna mill-korsijiet li jorganizzaw l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali kien organizzat b'mod formali u kien jitlob li l-istudenti jippreżentaw studju tagħhom biex jiġu eżaminati. Mrs Agius marret tajjeb ħafna fl-eżamijiet.

**Joyce Pullicino, President Ġenerali**

# Ħinijiet Tas-Sajf fl-Istitut Kattoliku:

i. Mil-1 sal-31 ta' Lulju 2009 mit-8:30 sas-19:00.
ii. Mill-1 sal-31 ta' Awissu 2009 mit-8:30 sas-13:00.
iii. Mill-1 ta' Settembru 'l quddiem mit-8:30 sad-21:00.

Attivitajiet għax-Xhur ta' LULJU/AWISSU 2009

| | | |
|---|---|---|
| 2 - 5 ta' Lulju | Ż.A.K | Leadership Seminar – għal leaders kollha taż-Ż.A.K. |
| 2 ta' Lulju | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:00. |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00. |
| 10 ta' Lulju | Direttorju | Fil-17:00 - 212/3, Brared Street, B'kara |
| | Ż.A.K | B.B.Q. għal membri kollha taż-Ż.A.K |
| 12 ta' Lulju | Ż.A.K | Virtual Social Network : Parti mill-proġett ta' Ż.A.K Ħal-Tarxien |
| 16 ta' Lulju | Fergħa Nisa | Quddiesa Ringrazzjament – Kunsill u Kummissjoni Romol |
| 18 ta' Lulju - 6 ta' Awissu | Ż.A.K | Tliet membri Ż.A.K ikunu l-Indja biex jgħinu lil foqra matul il-World Camp tal-FIMCAP |
| 20 ta' Lulju | Fergħa Rgiel | Kunsill Ċentrali fil-17:30. |
| 23 ta' Lulju - 4 ta' Awissu | Ż.A.K | Exchange bejn Ż.A.K Mosta u grupp minn Preston li Se jsir hawn Malta. |
| 24 ta' Lulju – 2 ta' Awissu | Ż.A.K | Exchange bejn Ż.A.K B'kara /Iklin/San Ġiljan u grupp Mill-Italja li se jsir Milan |
| 26 ta' Lulju | Ż.A.K | Għeluq tal-proġett 'Inseġ Għanqbuta ta' Kuluri' minn Ż.A.K Ħal-Tarxien. |
| 4 – 14 ta' Awissu | Ż.A.K | Exchange bejn Ż.A.K Ibraġ u grupp mill-Litwanja li se Jsir fis-Seminarju r-Rabat |
| 6 – 15 ta' Awissu | Ż.A.K | Exchange bejn Ż.A.K Siggiewi u grupp ta' l-A.K. minn Mirano li se jsir Mirano |
| 10 – 17 ta' Awissu | Ż.A.K | Exchange bejn Ż.A.K Mġarr u grupp mill-Belġju u grupp mill-Olanda |
| 15 - 22 ta' Awissu | Ż.A.K | Membri taż-Ż.A.K imorru Slovakkia għall-Eurocamp, kamp għal leaders żgħar. |
| 23 - 30 ta' Awissu | Ż.A.K | Kamp Sajf. Il-kamp ta' kull sena għal membri kollha taż-Ż.A.K. Din is-sena se jsir in-Naxxar. |
| 24 - 28 ta' Awissu | Ż.A.K | Membri taz-Ż.A.K imorru l-Belġju għal Krinkel, kamp maħsub għal-leaders kbar. |
| 3 ta' Settembru | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali – Membri Ġodda tal-Kunsill fid-9:30. |
| 16 ta' Settembru | Fergħa Nisa | Laqgħa Formattiva – Membri tal-Kunsill |

# Adorazzjoni Għal Vokazzjonijiet

Il-Membri kollha ta' l-Azzjoni Kattolika huma mħeġġin li jitolbu għall-Vokazzjonijiet saċerdotali u għall-ħajja kkonsagrata. Tajjeb li kull Ċirkolu jorganizza siegħa Adorazzjoni fix-xahar quddiem Ġesù Sagramentat.

## Fergħa Xebbiet Adulti

Inħeġġu biex fejn hu possibbli nibqgħu nagħmlu l-laqgħa ta' kull ġimgħa fiċ-ċirkolu tagħna. Nistgħu norganizzaw xi attività għall-membri taċ-ċirkolu biex inżommu aktar kuntatt.
Nixtiequ lil kulħadd Sajf ta' mistrieħ.

--------------------

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

***SOLIDARJETÀ*** Il- Programm 'Solidarjetà li jixxandar fuq Radju Malta kull nhar ta' Ħadd, fix-xahar ta' Lulju u Awissu jixxandar fis-19:15 u MHUX fit-20:30

Dawn huma id-dati tal-Programm tagħna għal Lulju u Awissu 2009.

Lulju: - 5, 12, 19 u 26. Awissu : 2, 9, 16, 23, 30.

**GRUPPI KOPPJI MIŻŻEWĠIN**

Nawgurawlkom il-vaganzi t-tajba u tajjeb nissuġġerixxu li l-laqgħat jibqgħu jsiru x'imkien ħdejn il-baħar jew għall-arja fil-kampanja.

Bejn Il-Ġimgħa 16 u l-Ħadd 17 ta' Ottubru se norganizzaw rtir għal koppji. In-numru huwa limitat – Għalhekk min hu nterressat jgħidilna mill aktar fis.
Imexxi dan l-Irtir Mons Pawl Vella, Assistent Ekkleżjastiku ta' l-Azzjoni Kattolika. Għal aktar dettalji ċemplu fuq 21657706.

## GRUPPI KOPPJI MIŻŻEWĠIN TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

### Il-25 ANNIVERSARJU MIT-TWAQQIF TAL-KUMMISSJONI

### 1984 – 2009

FL-okkazjoni ta' dan l-Anniversarju se ssir Laqgħa Soċjali bil-Quddiesa nhar il-Ħadd 27 ta' Settembru 2009.
Mistednin il-Familji tal-Koppji kollha u l-ħbieb tagħhom
Żommu din id-data libera – Aktar dettalji 'l quddiem.

**SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA**

Ħruġ kuljum bil-Minibuses. Dan isir permezz ta' tliet Minibuses, tnejn minnhom bit-*tail lift*. Madwar 5,500 persuna anzjana jew persuna b'diżabilità kull sena jibbenifikaw minn dan is-servizz biex igawdu mawriet sal-kampanja, baħar jew Għawdex. Il-Minibus il-ġdida bit-*tail lift* ħadet post il-waħda l-qadima li ġiet skrappjata. Din (ara ritratt ) tista' tieħu sa ħames wheelchairs.

Għalhekk nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz biex jagħmlu użu minn dan is-servizz. Ċemplu fuq 21226920 jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikultà ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom.



L-Erbgħa, 1 Ta' Lulju 2009, Festa tal-Beatu Nazju Falzon,
Patrun tas-Segretarjat Assistenza Soċjali
Nitolbu sabiex jekk tkun il-volontà ta' Alla naraw lil dan il-Beatu jiġi ddikkjarat Qaddis

*SAN MIKIEL TAL-QADDISIN KOLLHA, PATRUN TAL-MORDA BIL-KANĊER*
*SOLIDARJETÀ FIT-TALB MA' ĦUTNA MORDA BIL-KANĊER*
*QUDDIESA, IL-ĠIMGĦA, 3 TA' LULJU 2009 FIS-18:30.*

Se ssir Quddiesa nhar il-Ġimgħa 3 ta' Lulju 2009, fis-18:30 fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt.

Din il-Quddiesa tagħlaq in-Novena ta' San Mikiel tal-Qaddisin kollha, patrun tal-Morda bil-Kanċer. Il-Pubbliku hu mistieden għal din il-Quddiesa.

Inħeġġu lill-membri kollha tas-Segretarjat Assistenza Soċjali u membri oħra ta' l-Azzjoni Kattolika biex jattendu għal din il-Quddiesa bħala solidarjetà fit-talb ma' ħutna morda bil-marda tal-Kanċer.



# DAR FAMILJA MQADDSA – NAXXAR

EJJEW U ĠIBU L-FAMILJARI U ĦBIEB TAGĦKOM
GARDEN DINNER – IS-SIBT 18 TA' LULJU 2009 FIS-19:15
FIL-ĠONNA TAD-DAR TA' L-ANZJANI TAN-NAXXAR
LI TMEXXI L-AZZJONI KATTOLIKA



Ikun hemm live music, kant u ċajt
Jieħdu sehem l-aħjar kantanti fix-xena lokali.
Jekk kull ċirkolu jibbukkjaw mejda jew tnejn nimlew il-ġnien malajr.
Tieħdu pjaċir żgur għax l-esperjenza ta' l-aħħar tnax il-sena hekk uriet u tkunu qed tgħinu lid-Dar ta' L-Anzjani,

DAR FAMILJA MQADDSA – Naxxar, immexxija mill-Azzjoni Kattolika.

Booking 21410015 / 21438025

Prezz Kbar € 13.00 Tfal € 5.00

## LIBRERIJA AZZJONI KATTOLIKA - FLORIANA

***Trid tagħti rigal b'differenza?***
***post wieħed għandek tmur***
***fil-Librerija ta' l-Azzjoni Kattolika –***
***Istitut Kattoliku - Floriana***

***Wieħed isib:***
***Kull tip ta' kotba reliġjużi bil-Malti u bl-Ingliż – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.***

***Issibu wkoll kemm 'cards' tal-'Vodafone' kif ukoll tal-'GO''. Jistgħu jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.***

***Ħinijiet tal-Ftuħ: Lulju: Matul il-gimgha - 9:00 sa nofsinhar***
***16:00 sas-19:00***
***Awissu: Magħluqin***
***Tel: 21 237031***

***Għalhekk ixtri r-rigali tiegħek minn din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.***

***U ISSA FIX-XAHAR TA' LULJU***

# CLEARANCE SALE

## KOLLOX IRID JINBIEGĦ!!!

## SKONTIJIET TA' 50% U AKTAR